

Brussell, 24 ta' April 2025  
(OR. en)

8235/25  
ADD 1

JAI 491  
SCHENGEN 22  
SCH-EVAL 25  
FRONT 95  
IXIM 79  
MIGR 145  
ASILE 34  
ENFOPOL 121  
COMIX 121  
CORDROGUE 45  
VISA 60  
CH  
IS  
NO  
LI

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' April 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 185 final
Suġġett:	ANNESS tal- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Rapport dwar l-Istat ta' Schengen2025

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 185 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 185 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 23.4.2025  
COM(2025) 185 final

ANNEX 1

**ANNEX**

*tal-*

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat  
Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni**

**Rapport dwar l-Istat ta' Schengen2025**

## ANNEX 1

### ***Implimentazzjoni tas-sistema ta' Schengen: ħarsa ġenerali orizzontali u speċifika għall-pajjiż tal-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen, inkluża s-sitwazzjoni fil-fruntieri interni***

Schengen hija l-akbar żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni fid-dinja. Hija ta' benefiċċju għal aktar minn 450 miljun ċittadin tal-UE, flimkien ma' ċittadini mhux tal-UE li jgħixu fl-UE jew li jżuru l-UE bħala turisti, studenti jew għal skopijiet ta' negozju. Għal dawn l-aħħar erba' deċennji, Schengen ipprova din il-libertà u s-sigurtà bis-saħħa ta' qafas robust li jirfed l-operazzjonijiet ta' kuljum tiegħu. Is-sistema ta' Schengen tistabbilixxi regoli armonizzati u ta' standard għoli għad-dħul, tiżgura ġestjoni rigoruża u effettiva tal-fruntiera esterna, u tippromwovi kooperazzjoni effettiva dwar l-infurzar tal-liġi u kwistjonijiet ta' immigrazzjoni. Is-sistema ma taħdimx f'iżolament; hija bbażata fuq qafas ta' governanza li jiprijoritizza l-implimentazzjoni effettiva tar-regoli ta' Schengen u reazzjonijiet koordinati.

F'dan l-isfond, **il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen** għandu rwol ewlieni fil-promozzjoni tal-kundizzjonijiet għal żona li tiffunzjona tajjeb mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni. Permezz ta' dan il-mekkaniżmu bejn il-pari, timijiet ta' esperti nazzjonali, ikkoordinati mill-Kummissjoni u appoġġati minn osservaturi minn aġenziji u korpi tal-UE, iwettqu evalwazzjonijiet ta' kull pajjiż ta' Schengen biex jidentifikaw in-nuqqasijiet u jiżguraw ir-risoluzzjoni fil-pront tagħhom, u b'hekk jipprevjenu kwalunkwe effett konsegwenzjali li jista' jipperikola l-integrità u l-istabbiltà ta' Schengen. Il-mekkaniżmu huwa wkoll l-għodda użata biex tiġi vvalutata r-rieda tal-pajjiżi l-ġodda li japplikaw ir-regoli kollha ta' Schengen, bl-għan aħħari li jitneħħa l-kontroll fil-fruntieri interni bħala parti mill-proċess ta' adegżjoni ta' Schengen.

Fl-2024, il-Kummissjoni u l-pajjiżi ta' Schengen, b'appoġġ qawwi mill-aġenziji u l-korpi tal-UE, komplew jagħmlu progress **fit-tielet ġenerazzjoni tal-evalwazzjonijiet ta' Schengen**. L-applikazzjoni tar-Regolament il-ġdid dwar l-Evalwazzjoni ta' Schengen involviet simplifikazzjoni u tnaqqis maġġuri tal-piż amministrattiv (ir-rapporti l-ġodda tal-pajjiżi ta' Schengen irriżultaw f'sitt darbiet inqas rapporti, li wasslu għal inqas rakkomandazzjonijiet), b'enfasi u simplifikazzjoni aktar strateġiċi, u aktar trasparenza dwar ir-riżultati. Dan kien appoġġat ukoll bit-tisħiħ tal-involvement tal-koordinaturi nazzjonali tal-pajjiżi. Barra minn hekk, ġiet żviluppata strateġija komprensiva ta' taħriġ biex jinħoloq qafas unifikat ta' taħriġ fl-evalwazzjoni ta' Schengen. Il-Kummissjoni se tkompli tikkonsolida dan l-approċċ il-ġdid b'rapporti iqsar u b'inqas rakkomandazzjonijiet, filwaqt li tiffoka fuq implimentazzjoni akbar tar-riformi strutturali l-aktar importanti.

**L-evalwazzjonijiet ta' Schengen** twettqu fl-2024 fil-Kroazja, fil-Polonja, fl-Ungerija, fis-Slovakkja u fiċ-Ċekja, u xeħtu dawl partikolari fuq is-sitwazzjoni fil-fruntieri tal-Lvant tal-UE. Dawn l-evalwazzjonijiet enfasizzaw l-isfidi li jirriżultaw mill-ambjent ġeopolitiku attwali, inkluż it-tħedd idbridu mir-Russja, li għandu implikazzjonijiet sinifikanti għas-sigurtà interna

ta' Schengen. Kollox ma' kollox, l-evalwazzjonijiet żvelaw li dawn il-pajjiżi qed jipparteċipaw b'mod effettiv fl-arkitettura ta' Schengen u jimplementaw ir-regoli stabbiliti. Madankollu, fid-dawl tal-isfidi tas-sigurtà li qed jevolvu, hemm bżonn ta' stat ta' tħejjija akbar. Filwaqt li l-iżgurar tar-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali fil-fruntiera kien sfida komuni, l-evalwazzjoni tal-Ungerija żvelat nuqqasijiet serji fir-rispett tad-drittijiet fundamentali matul il-proċeduri tal-fruntieri u tar-ritorn. Saru wkoll evalwazzjonijiet fil-konsulati tad-Danimarka, tan-Norveġja u tal-Iżvezja, relatati mal-evalwazzjonijiet tagħhom ta' Schengen tal-2022 dwar il-politika dwar il-viżi, li jgħinu biex finalment jingħalaq ix-xogħol b'lura ta' evalwazzjonijiet li kienu ġew posposti minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Barra minn hekk, saret żjara waħda għall-għarrieda f'Mumbai, l-Indja, dwar l-applikazzjoni tal-politika komuni dwar il-viżi mill-konsulati tal-Ġermanja, il-Polonja u Spanja.

Bħala parti mill-attivitajiet ta' evalwazzjoni, ingħatat ukoll attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni fil-fruntieri interni. Għalkemm l-ebda wieħed mill-pajjiżi ta' Schengen evalwati ma kien introduċa mill-ġdid kontrolli fil-fruntieri interni tiegħu matul iż-żjarat ta' evalwazzjoni, tali kontrolli affettwaw xi wħud minn daww evalwati (jiġifieri l-Kroazja, il-Polonja, l-Ungerija, is-Slovakkja u ċ-Ċekja) minħabba l-introduzzjoni mill-ġdid ta' tali kontrolli mill-pajjiżi ġirien. Il-Koordinatur ta' Schengen enfasizza wkoll din il-kwistjoni importanti matul laqgħat bilaterali u multilaterali regolari mal-pajjiżi ta' Schengen. Fil-qafas ta' dan id-djalogu strutturat, saru 15-il laqgħa bejn il-pajjiżi li kienu introduċew mill-ġdid il-kontrolli fil-fruntieri interni u l-pajjiżi affettwati minn tali kontrolli. Dawn id-diskussjonijiet affermaw mill-ġdid in-natura mmirata tal-kontrolli fil-fruntieri interni u pprovdew opportunitajiet biex tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni transfruntiera, b'kont meħud tal-għodod imtejba introdotti mill-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, li daħal fis-seħħ is-sena li għaddiet.


Bħala parti mill-isforzi ta' **monitoraġġ** imsaħħa skont il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen, saru żjarat mill-ġdid u żjarat ta' verifika fil-Greċja (minħabba nuqqasijiet serji identifikati fl-2021), fl-Irlanda (bħala parti mill-evalwazzjoni ta' Schengen li qed issir għall-ewwel darba) u fid-Danimarka. Ir-riżultati tal-attivitajiet kollha ta' monitoraġġ ġew inklużi fit-**Tabella ta' Valutazzjoni ta' Schengen tal-2024**, li ġiet ippreżentata lill-pajjiżi ta' Schengen matul il-Kunsill ta' Schengen ta' Diċembru.

L-2024 kienet ukoll is-sena biex titwettaq prijorità strateġika ewlenija, kif identifikat mill-Kunsill Ewropew, bl-implimentazzjoni tal-evalwazzjoni tematika dwar ritorni aktar effettivi. L-adozzjoni tar-rapport f'Diċembru 2024 wittiet it-triq għal titjib konkret fis-sistemi ta' ritorn, filwaqt li identifikat nuqqasijiet fil-proċess ta' ritorn li jillimitaw l-effettività tas-sistema, flimkien mal-aħjar Prattiki Implimentati minn xi pajjiżi ta' Schengen li jipprovdu soluzzjonijiet għal sfidi komuni. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni tematika kkontribwew ukoll għall-proposta tal-Kummissjoni għal qafas leġiżlattiv ġdid dwar ir-ritorni, adottata fil-11 ta' Marzu 2025, u jipprovdu pjan direzzjonali għall-azzjoni sakemm ir-regoli l-ġodda jidħlu fis-seħħ.

**Meta nħarsu 'l quddiem** f'din is-sena importanti li fiha niċċelebraw l-40 anniversarju tal-Ftehim ta' Schengen, li hu waħda mill-kisbiet ewlenin tal-integrazzjoni tal-UE, il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen jibqa' ċentrali għall-ħidma fil-prattika biex tiġi implimentata l-arkitettura ta' Schengen. Biex jirrifletti l-qafas regolatorju l-ġdid, il-

*kwestjonarju ta' evalwazzjoni se jiġi aġġornat, u l-Kummissjoni se ssaħħaħ il-fokus strateġiku billi tirfina (f'kooperazzjoni mill-qrib mal-koordinaturi nazzjonali tal-pajjiżi) l-ambitu tal-evalwazzjoni biex tagħti prijorità lill-oqsma bl-akbar impatt. Dan, min-naħa tiegħu, jeħtieġ li jkun akkumpanjat minn sorveljanza politika aktar qawwija, peress li nuqqasijiet persistenti fl-implimentazzjoni tar-regoli ta' Schengen ikomplu jimminaw il-funzjonament xieraq tagħha. L-indirizzar ta' dawn in-nuqqasijiet b'mod urġenti jeħtieġ azzjoni ta' rimedju tanġibbli.*

## 1. Attivitàjiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ fl-2024



### Attivitàjiet ta' evalwazzjoni fl-2024<sup>1</sup>

Matul is-sena li għaddiet, esperti kemm mill-Kummissjoni kif ukoll mill-pajjiżi ta' Schengen, appoġġati minn osservaturi minn aġenziji, uffiċċji u korpi tal-UE<sup>2</sup>, implimentaw **il-programm annwali tal-2024 għall-evalwazzjonijiet ta' Schengen**. Il-pajjiżi evalwati kienu l-Kroazja, il-Polonja, l-Ungerija, is-Slovakkja u ċ-Ċekja. Wara dawn l-evalwazzjonijiet, il-Kummissjoni adottat **rapporti tal-pajjiżi ta' Schengen** għall-Kroazja<sup>3</sup> u l-Polonja<sup>4</sup>, kif ukoll rapport ta' evalwazzjoni dwar in-nuqqasijiet serji identifikati fl-Ungerija. L-evalwazzjonijiet tad-Danimarka, tan-Norveġja u tal-Iżvezja (li kienu ġew posposti minħabba r-restrizzjonijiet li jirriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19) ġew konklużi wkoll.

Meta wieħed iqis id-dinamika reġjonali li taffettwa lil dawn il-pajjiżi, b'mod partikolari dawk esposti għal theddid ibridu mir-Russja u l-użu tal-migrazzjoni bħala arma mill-Belarużja, il-pessjoni migratorja għolja u l-kriminalità transfruntiera, inġhatat attenzjoni speċifika lill-prijoritajiet li ġejjin:

- governanza nazzjonali soda ta' Schengen bħala prekondizzjoni għall-pajjiżi ta' Schengen biex jipparteċipaw b'mod effettiv fis-sistema ta' Schengen u jimplementawha bis-siġħ, permezz ta' kapaċitajiet politiċi u amministrattivi effiċjenti;
- kapaċitajiet imsaħħa ta' ġestjoni tal-fruntieri biex il-fruntieri esterni jiġu kkontrollati b'mod effettiv, kemm f'ċirkostanzi normali kif ukoll matul kriżijiet, inkluż ippjanar ta'

<sup>1</sup> Għal ħarsa ġenerali lejn l-attivitàjiet ta' evalwazzjoni tal-2024 ara: [Il-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen - Il-Kummissjoni Ewropea](#).

<sup>2</sup>L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex); Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (European Data Protection Supervisor - EDPS) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (European Union Agency for Fundamental Rights - FRA) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA).

<sup>3</sup> Evalwazzjoni ta' Schengen tal-Kroazja – Sommarju eżekuttiv u rakkomandazzjonijiet disponibbli fuq: [Evalwazzjoni ta' Schengen tal-Kroazja](#).

<sup>4</sup> Evalwazzjoni ta' Schengen tal-Polonja – Sommarju eżekuttiv u rakkomandazzjonijiet disponibbli fuq: [Evalwazzjoni ta' Schengen tal-Polonja](#).

kontinġenza robust flimkien mar-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali taħt il-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri;

- inizjattivi ta' sigurtà adatti għall-iskop tagħhom mal-pajjiżi ġirien ta' Schengen, l-adozzjoni ta' approċċ komprensiv ta' rotta sħiħa li jenfasizza l-kooperazzjoni proattiva fost il-forzi tal-pulizija u l-iskambju bla xkiel ta' informazzjoni;
- kontrolli rigorużi tal-kundizzjonijiet tad-dħul ta' pajjiżi terzi bħala parti mill-proċeduri tal-viża, u l-implimentazzjoni ta' proċessi effiċjenti għar-ritorn ta' individwi li mhumiex awtorizzati jibqgħu fiż-żona Schengen;
- l-isfruttar ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira biex jiġi appoġġat kull stadju tal-proċess ta' Schengen, filwaqt li jiġi żgurat li l-funzjonalitajiet imtejba tagħhom iwasslu għal eżiti tanġibbli fit-tisħiħ tas-sigurtà, fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni u fl-iffaċilitar tal-iskambju ta' informazzjoni, filwaqt li jiġu rrispettati r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data.

### **Konklużjonijiet ewlenin tal-evalwazzjonijiet tal-pajjiżi tal-2024**

B'mod ġenerali, l-evalwazzjonijiet tal-pajjiżi tal-2024 enfasizzaw l-importanza dejjem tikber tal-arkitettura ta' Schengen fl-indirizzar tal-isfidi ewlenin li jiffaċċjaw il-pajjiżi ta' Schengen u l-UE, inkluż pressjoni akbar fil-fruntieri esterni, il-ġestjoni tas-sigurtà interna fid-dawl tat-theddid li qed jevolvi u s-simplifikazzjoni tal-proċessi b'mod ġenerali. Dan kien partikolarment evidenti fil-pajjiżi evalwati, speċjalment dawk tul il-fruntiera tal-Lvant tal-UE, li għandhom dinamika reġjonali simili.

Filwaqt li xi wħud mill-pajjiżi evalwati għamlu progress sinifikanti fl-implimentazzjoni tar-regoli ta' Schengen, pereżempju fir-rigward ta' sorveljanza msaħħa tal-fruntieri tal-art u kooperazzjoni tal-pulizija aktar attiva, oħrajn għadhom qed jiffaċċjaw sfidi biex jilħqu bis-sħiħ l-istandards għoljin ta' Schengen. Il-vulnerabbiltajiet spiss jirriżultaw minħabba riżorsi speċjalizzati insuffiċjenti, allinjament ħażin bejn il-prijoritajiet strateġiċi u operazzjonali, u użu insuffiċjenti tal-għodod tekniċi u legali eżistenti biex jiġi identifikat u indirizzat it-theddid transfruntier għas-sigurtà li qed jevolvi malajr.

L-evalwazzjonijiet tal-2024 għal darb'oħra jenfasizzaw il-ħtieġa urġenti li tingħata prijorità fil-livelli politiċi, strateġiċi u operazzjonali, lill-politiki, il-proċessi u l-għodod ta' Schengen biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva fuq il-post, u b'hekk jingħata kontribut għal żona Schengen li tiffunzjona tajjeb.

Fi Frar 2024, il-Kummissjoni wettqet **żjara għal għarrieda** fil-konsulati tal-Ġermanja, tal-Polonja u ta' Spanja f'Mumbai, l-Indja, biex tivvaluta l-politika komuni dwar il-viżi. L-iskop kien li jiġu vvalutati l-vulnerabbiltajiet potenzjali f'dan iċ-ċentru ewlieni ta' qabel id-dħul fiż-żona Schengen, li huwa wieħed mill-postijiet li joħorġu l-ogħla volum ta' viżi għal soġġorn qasir, u li qed jiffaċċja domanda dejjem akbar. L-evalwazzjoni għamlet possibbli l-valutazzjoni ta' xi wħud mill-ilmenti li l-Kummissjoni tirċievi regolarment dwar ħinijiet ta' stennija

eċċessivi għall-appuntamenti, li jistgħu jwasslu, fost affarijiet oħra, għal visa shopping. F'dan il-kuntest, it-tim tal-evalwazzjoni vvaluta kemm il-kooperazzjoni mal-fornituri esterni tas-servizzi kif ukoll kwistjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (eż. fil-każ tal-Ġermanja, iċ-ċentralizzazzjoni tal-operazzjonijiet f'Mumbai). L-evalwazzjoni għal għarrieda kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda nuqqas serju fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-viża mit-tliet pajjiżi ta' Schengen fil-konsulati rispettivi tagħhom u li d-deċizzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet għall-viża kellhom ġeneralment bażi tajba. Kwistjonijiet rikorrenti li għadhom jeħtieġu attenzjoni u titjib jinkludu l-kooperazzjoni ma' fornituri esterni tas-servizzi u l-użu ta' sistemi tal-IT li jappoġġaw il-proċeduri tal-viża.

### **Attivitajiet ta' monitoraġġ fl-2024**

Il-monitoraġġ kontinwu huwa fil-qalba tal-isforzi ta' governanza biex jiġu identifikati l-isfidi u biex ikun hemm rispons b'riżultati reali u li jistgħu jitkejlu. Għalhekk, is-suċċess tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen – u, b'estensjoni, l-istabbiltà ta' Schengen innifsu – jiddependi mill-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri ta' rimedju rakkomandati. Il-miżuri huma mfasla għas-sitwazzjoni speċifika f'kull pajjiż ta' Schengen u huma mfasla kemm biex itejbu l-applikazzjoni tar-regoli ta' Schengen kif ukoll biex jiżguraw li kull Stat Membru jikkontribwixxi b'mod pożittiv għal-libertà u s-sigurtà kollettivi.

Fl-isforzi tagħha biex issaħħa id-dimensjoni ta' monitoraġġ tal-evalwazzjonijiet ta' Schengen, il-Kummissjoni żiedet l-iskrutinju tar-**rapporti ta' segwitu** ppreżentati mill-pajjiżi ta' Schengen biex tidentifika minnufih kwalunkwe lakuna u dewmien fl-implimentazzjoni. Filwaqt li t-Tabella ta' Valutazzjoni ta' Schengen għamlet ir-rapportar mill-pajjiżi ta' Schengen aktar konsistenti u regolari, ir-rapporti ta' segwitu għad iridu jiġu ppreżentati fil-ħin. Fl-2024, seba' minn fost il-pajjiżi ta' Schengen ippreżentaw tard ir-rapporti ta' segwitu tagħhom. Iridu jiġu ffukati sforzi wkoll fuq it-titjib tal-kwalità tar-rapportar biex jiġi żgurat li l-informazzjoni pprovduta tkun rilevanti. Dan se jippermetti lill-Kummissjoni twettaq ir-rwol ta' monitoraġġ tagħha b'mod effettiv u tiżgura li jkun hemm skambju sinifikanti, li jwassal għal soluzzjonijiet tanġibbli filwaqt li jidentifika kemm il-progress kif ukoll il-lakuni li fadal.

Bħala parti mill-isforzi ta' monitoraġġ imsaħħa, il-Kummissjoni wettqet żjarat ta' monitoraġġ immirati, inkluża żjara waħda mill-ġdid biex tivvaluta nuqqasijiet serji li kienu ġew identifikati preċedentement kif ukoll tliet żjarat ta' verifika biex tevalwa l-progress fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni.

### **Żjara mill-ġdid fl-2024**

- **Il-Greċja** (Novembru 2024). Minħabba n-nuqqasijiet serji identifikati fl-2021 dwar proċessi u salvagwardji fir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt legali li jibqgħu, l-għan taż-żjara kien li tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' rimedju. Meta jitqies il-progress limitat li sar mill-Greċja, it-tim tal-evalwazzjoni kkonkluda li n-nuqqasijiet serji għadhom hemm.

### **Żjarat ta' verifika fl-2024**

- **Il-Greċja** – il-ġestjoni tal-fruntieri esterni (Settembru 2024). Ir-raġuni għal din iż-żjara kienet il-progress limitat irrappurtat mill-Greċja wara l-evalwazzjoni fl-2021. Iż-żjara enfasizzat progress batut fil-livell strateġiku u fil-fruntieri tal-art, li jirrikjedi miżuri urġenti ta' rimedju.
- **Id-Danimarka** – il-ġestjoni tal-fruntieri esterni (Settembru 2024). L-objettiv kien li jiġu evalwati l-iżviluppi rrappurtati mill-awtoritajiet Daniżi fit-tisħiħ tal-governanza u l-koordinazzjoni ġenerali tal-ġestjoni tal-fruntieri. Iż-żjara kkonfermat li kien sar titjib notevoli; madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi biex titħaffef l-implimentazzjoni sħiħa tal-istruttura msaħħa tal-governanza tal-fruntieri, appoġġata minn strateġija komprensiva dwar ir-riżorsi umani b'biżżejjed persunal u taħriġ xieraq.
- **L-Irlanda** – is-sigurtà interna bħala segwitu għall-evalwazzjoni li qiegħda ssir għall-ewwel darba (Novembru 2024). Iż-żjara kkonfermat li sar progress sinifikanti biex tingħata spinta lis-sigurtà interna tal-UE bl-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, inklużi l-funzjonalitajiet il-ġodda; madankollu, it-titjib fil-kooperazzjoni tal-pulizija baqa' limitat. Huma meħtieġa aktar sforzi biex titmexxa 'l quddiem il-ħidma taħt l-ewwel evalwazzjoni ta' Schengen, li tibbenefika minn governanza aktar b'saħħitha ta' Schengen biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni rapida ta' miżuri ta' rimedju.

Bħalissa, tliet pajjiżi ta' Schengen għad għandhom nuqqasijiet serji fl-implimentazzjoni tar-regoli ta' Schengen<sup>5</sup>. Il-Koordinatur ta' Schengen qiegħed iwettaq segwitu mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti u l-Kummissjoni qiegħda timmonitorjaw is-sitwazzjoni b'mod attiv.

Wara l-aħħar valutazzjonijiet tar-rapporti ta' segwitu ppreżentati mill-Istati Membri, il-Kummissjoni **b'dan tagħlaq il-pjanijiet ta' azzjoni**<sup>6</sup> tal-Liechtenstein fl-oqsma tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen<sup>7</sup> u l-kooperazzjoni tal-pulizija<sup>8</sup>, u l-pjan ta' azzjoni tas-Slovenja<sup>9</sup> relatat mal-konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data fl-implimentazzjoni tal-arkitettura ta' Schengen, f'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament dwar l-Evalwazzjoni ta' Schengen. Meta jitqiesu r-riżultati tal-attivitajiet ta' evalwazzjoni mwettqa fl-2024, il-Kummissjoni **teknikament għalqet** il-pjanijiet ta' azzjoni tal-Polonja li kienu għadhom miftuħa fiż-żmien tal-evalwazzjoni<sup>10</sup>.

## 2. Tabella ta' Valutazzjoni ta' Schengen 2024

<sup>5</sup> Il-Greċja, Franza u l-Ungerija.

<sup>6</sup> Il-pjanijiet ta' azzjoni li kienu għadhom ma nġalqux qabel l-evalwazzjonijiet perjodiċi tal-2024 taċ-Ċekja, tal-Ungerija u tas-Slovakkja se jingħalqu permezz tar-rapporti tal-pajjiżi ta' Schengen li għandhom jiġu adottati fl-2025.

<sup>7</sup> Magħluq fis-16 ta' Ottubru 2024.

<sup>8</sup> Magħluq fl-1 ta' Novembru 2024

<sup>9</sup> Magħluq fit-8 ta' Novembru 2024

<sup>10</sup> C(2024) 8110 final tas-17 ta' Diċembru 2024.

Matul il-laqgħa tal-Kunsill ta' Schengen f'Diċembru 2024, il-Kummissjoni pprovdiet lill-ministri taż-żona Schengen it-Tabella ta' Valutazzjoni ta' Schengen tal-2024. It-Tabella ta' Valutazzjoni kienet akkumpanjata minn prijoritajiet strateġiċi mfassla apposta, li jenfasizzaw il-progress li sar filwaqt li jhegħu wkoll sforzi akbar f'oqsma ewlenin.





Tabella ta' Valutazzjoni ta' Schengen 2024 (aggregazzjoni) l-istat ġenerali tal-implimentazzjoni skont id-dimensjoni speċifika

Analiżi tal-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ imwettqa fl-2024 żvelat progress f'diversi oqsma importanti, b'xi pajjiżi ta' Schengen jagħmlu progress rapidu fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni rispettivi tagħhom. Dwar il-politika dwar il-viżi ta' Schengen, pereżempju, diversi pajjiżi rrapportaw titjib orizzontali fl-indirizzar tan-nuqqasijiet fil-prattiki tal-fornituri esterni tas-servizzi. In-Norveġja u l-Iżvezja, b'mod partikolari, minkejja li ġew evalwati fil-qasam tal-viża fl-2024, għamlu progress sostanzjali u waslu biex ilestu l-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom. Bl-istess mod, Ċipru għamel sforzi sinifikanti biex jimplimenta l-miżuri ta' rimedju meħtieġa, b'titjib notevoli fil-proċess ta' ritorn u fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Sadanittant, l-evalwazzjonijiet tal-Polonja u tal-Ungerija, filwaqt li wasslu għal rakkomandazzjonijiet ġodda, enfasizzaw ukoll progress sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' rimedju miċ-ċiklu ta' evalwazzjoni preċedenti.

Madankollu, it-Tabella ta' Valutazzjoni ta' Schengen tal-2024 ikkonfermat ukoll xejra persistenti osservata f'dawn l-aħħar snin, jiġifieri **l-pass irregolari tal-implimentazzjoni** tar-rakkomandazzjonijiet fil-livell nazzjonali wara li tkun saret xi evalwazzjoni ta' Schengen. Filwaqt li t-Tabella ta' Valutazzjoni ta' Schengen tipprovdì stampa tal-istatus ta' implimentazzjoni fi żmien partikolari<sup>11</sup>, il-pajjiżi ta' Schengen evalwati fl-istess sena, u li għalhekk ikunu mistennija li jkunu fi stadji simili ta' implimentazzjoni, għadhom juru livelli differenti ta' progress b'mod sinifikanti. Pereżempju, filwaqt li tnejn mill-pajjiżi ta' Schengen li qed jiġu evalwati fl-2025 kważi implimentaw bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet kollha, dan mhuwiex minnu għat-tielet pajjiż.

<sup>11</sup> F'konformità mal-metodoloġija għat-Tabella ta' Valutazzjoni ta' Schengen, it-Tabella ta' Valutazzjoni ta' Schengen tal-2024 ma tinkludix punteġġi għaċ-Ċekja, l-Ungerija, il-Polonja u s-Slovakkja, peress li r-rapporti tal-pajjiżi bir-rakkomandazzjonijiet rispettivi wara l-evalwazzjonijiet perjodiċi tal-2024 kienu għadhom ma ġewx adottati. Il-Bulgarija u r-Rumanija wkoll ma ġewx inklużi, peress li l-ewwel evalwazzjoni perjodika tagħhom mhux se ssir qabel it-tieni nofs tal-2025. Il-pajjiżi ta' Schengen li ġew evalwati reċentement fl-2023 u fil-bidu tal-2024 (jiġifieri l-Kroazja, l-Estonja, il-Finlandja, il-Latvja u l-Litwanja) għad ma kellhomx l-opportunità li jippreżentaw il-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom, li jinkludu l-miżuri ta' rimedju ppjanati li għandhom jittieħdu, jew l-ewwel rapporti ta' segwitu tagħhom, peress li l-iskadenzi għadhom ma skadewx.



*Is-sitwazzjoni attwali fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni ta' Schengen minn April 2025*

Barra minn hekk, għad hemm ammont sinifikanti ta' **nuqqasijiet li ilhom jeżistu** f'diversi pajjiżi ta' Schengen, snin wara li saru l-evalwazzjonijiet tagħhom; ħafna minn dawn in-nuqqasijiet huma relatati ma' aspetti ewlenin tal-qafas ta' Schengen. Dan idgħajjef l-effettività tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen fl-appoġġ sħiħ għall-funzjonament, is-sigurtà u l-integrità taż-żona Schengen. Dan, min-naħa tiegħu, johlq vulnerabbiltajiet kritiċi li, jekk ma jiġux indirizzati malajr, jista' jkollhom impatt negattiv sostanzjali fuq il-funzjonament ġenerali ta' Schengen.

Element orizzontali li għandu bżonn ta' **azzjoni ta' rimedju urġenti** huwa dak li jikkonċerna l-implimentazzjoni tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira li jirfdu l-arkitettura ta' Schengen – vulnerabbiltà b'implikazzjonijiet ta' sigurtà estensivi għall-ġestjoni tal-frontieri, il-migrazzjoni u l-infurzar tal-liġi. Dan ġie identifikat bħala nuqqas mill-kbar f'mill-inqas nofs il-pajjiżi evalwati. Minkejja l-funzjonalitajiet imtejba tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen – imfassla biex issaħħa is-sigurtà u tissimplifika l-proċeduri – il-potenzjal sħiħ tagħhom għadu mhux realizzat, peress li l-pajjiżi ta' Schengen mhumiex qed jużaw is-sistema skont l-istandards u l-kapaċitajiet meħtieġa tagħha. Pereżempju, ħames pajjiżi għadhom mhumiex qiegħdin joħorġu allerti dwar persuni vulnerabbli, bħal ma huma tfal f'riskju li jinħatfu, filwaqt li minn pajjiż wieħed ħarġu 75 % ta' tali allerti. Kienu biss 16-il pajjiż li ħolqu allerti dwar verifika ta' investigazzjoni, b'mod li qegħdin jitħallew diversi lakuni kritiċi fis-sistema: dawn il-kontrolli jagħmluha possibbli li tinkiseb informazzjoni dwar persuni jew oġġetti relatati għall-finijiet tal-prosekuzzjoni ta' reati kriminali u l-prevenzjoni ta' theddid għas-sigurtà pubblika jew nazzjonali. Dawn il-lakuni jaffettwaw is-sigurtà ta' Schengen kollha kemm hi.

Fl-istess ħin, il-pajjiżi ta' Schengen mhumiex qed idaħħlu b'mod adegwat data essenzjali fis-sistema, anke meta tali informazzjoni tkun faċilment disponibbli fil-livell nazzjonali. Fil-bidu tal-2025, kien hemm madwar 1,7 miljun twissija dwar individwi, li minnhom madwar 900 000 (52 %) biss kienu jinkludu ritratti u madwar 600 000 (35 %) biss kien fihom marki tas-swaba'. Dawn il-lakuni severi jfixklu b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-pajjiżi li jidentifikaw individwi, b'mod partikolari dawk li jippreżentaw theddid għas-sigurtà. Barra minn hekk, l-Istati Membri xi drabi jeħtieġ li jtejbu għadd ta' rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data tas-sistemi tal-IT fuq skala

kbira u jtejbu l-monitoraġġ ta' dawk ir-rekwiżiti. L-indirizzar ta' dawn in-nuqqasijiet mhuwiex biss neċessità teknika iżda rekwiżit fundamentali għas-salvagwardja tal-integrità u s-sigurtà taż-żona Schengen.

Il-Kummissjoni tappella lill-pajjiżi kollha ta' Schengen biex jiżguraw segwitu effettiv għar-riżultati tat-Tabelli ta' Valutazzjoni ta' Schengen tal-2024 u biex jinvolvu ruħhom, kif xieraq, mal-Koordinatur ta' Schengen. Fil-każ ta' rakkomandazzjonijiet b'**implikazzjonijiet finanzjarji** għall-pajjiżi ta' Schengen, il-Kummissjoni tistieden lil dawk il-pajjiżi biex jiprijoritizzaw l-implimentazzjoni tagħhom fi ħdan il-programmi nazzjonali tal-fondi tal-UE<sup>12</sup>. Għalkemm huma disponibbli riżorsi finanzjarji sinifikanti, il-finanzjament tal-UE spiss ma jkunx dirett fejn ikun l-aktar meħtieġ. Jeħtieġ li jsiru rabtiet aktar b'saħħithom bejn ir-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni ta' Schengen, il-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà u l-finanzjament taħt il-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid.

### 3. Evalwazzjonijiet tematiċi ta' Schengen għall-2024

L-evalwazzjonijiet tematiċi ta' Schengen jipprovdu opportunità unika biex jiġi vvalutat l-istat ta' implimentazzjoni tar-regoli ta' Schengen madwar il-pajjiżi ta' Schengen f'mument speċifiku u biex jitqabblu l-prattiki fost dawk li qed jiffaċċjaw sfidi simili.

#### **Evalwazzjoni tematika dwar ritorni aktar effettivi**

Matul is-sens li għaddiet, il-Kunsill Ewropew appella wkoll għal azzjoni soda fil-livelli kollha biex jiġu ffaċilitati, **jiżdienu u jitħaffu r-ritorni** mill-UE, bl-użu tal-politiki, l-istrumenti u l-għodod rilevanti kollha tal-UE. Implimentazzjoni aktar effettiva tal-leġiżlazzjoni attwali dwar ir-ritorn, flimkien ma' aktar ħidma fuq approċċ komuni għar-ritorn, tappoġġa wkoll implimentazzjoni aktar rapida u aktar effiċjenti tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

Bi tweġiba għal din is-sejħa għal azzjoni, **l-evalwazzjoni tematika ta' Schengen dwar ritorni aktar effettivi** twettqet u ġiet iffinalizzata fl-2024. Ir-rapport ġie adottat f'Diċembru 2024 u jinkludi analiżi trasversali tal-istrumenti attwali li jistgħu jikkontribwixxu għal dan l-għan, inkluż ir-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, id-Direttiva dwar ir-Ritorn, il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

It-tim ta' evalwazzjoni kien magħmul minn 15-il espert mill-pajjiżi ta' Schengen, żewġ esperti tal-Kummissjoni, osservatur wieħed mill-Frontex, u osservatur wieħed mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali. It-tim ħadem matul l-2024 biex iwettaq analiżi bir-reqqa u wettaq żjarat fl-Italja, fin-Norveġja u fin-Netherlands biex jevalwa Prattiki li, minħabba n-natura speċifika tagħhom, ma setgħux jiġu vvalutati b'mod effettiv mill-bogħod.

L-evalwazzjoni enfasizzat il-kumplessità tal-proċessi ta' ritorn, li japplikaw għal firxa varjata

---

<sup>12</sup> Il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri – l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi, il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u l-Fond għas-Sigurtà Interna.

ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inklużi:

- persuni li jidħlu fiż-żona Schengen b'mod legali iżda li jaqbu l-permess jew is-soġġorn legali tagħhom (eż. ċittadini li ma jkollhomx bżonn viża);
- persuni li jidħlu illegalment u jinqabdu fil-fruntieri esterni; kif ukoll
- persuni maqbuda fit-territorju ta' pajjiż ta' Schengen minħabba soġġorn illegali wara dħul legali jew illegali.

Bħala tali, il-miżuri effettivi ta' ritorn huma fost l-aktar għodod sostenibbli għas-salvagwardja tal-isparju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni.

Minħabba d-diversi partijiet ikkonċernati, il-proċessi u l-mekkaniżmi involuti, ir-rapport tematiku ta' evalwazzjoni ta' Schengen enfasizza l-importanza tar-ritorn bħala parti ewlenija mill-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri. Biex jinkiseb dan, kooperazzjoni effettiva bejn l-aġenziji fil-livelli nazzjonali u Ewropej hija kruċjali, flimkien ma' livell suffiċjenti ta' tħejjija u skambju aħjar ta' informazzjoni. Dan huwa meħtieġ kemm għal teħid ta' deċiżjonijiet effiċjenti u infurmati kif ukoll għall-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn. Dan kollu jista' jiġi ffaċilitat permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Ir-rapport jidentifika sfidi komuni relatati mal-fażijiet ewlenin tal-proċess ta' ritorn, inkluż il-bidu tiegħu, l-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, ir-ritorn volontarju u furzat, kif ukoll l-istrutturi u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni li jappoġġaw dawn il-proċessi.

Abbażi tar-rapport ta' evalwazzjoni, il-Kunsill adotta rakkomandazzjonijiet biex jiġu indirizzati l-isfidi komuni identifikati<sup>13</sup>. Ir-rapport ta' evalwazzjoni jidentifika wkoll l-aħjar Prattiki minn xi pajjiżi ta' Schengen li jistgħu jgħinu fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' rimedju.

Ir-risultati tal-evalwazzjoni tematika kkontribwew għall-proposta għal approċċ komuni għid dwar ir-ritorni, kif ippreżentata mill-Kummissjoni f'Marzu 2025<sup>14</sup>. Dawn jiffurmaw pjan direzzjonali għat-titjib tas-sistemi nazzjonali ta' ritorn sakemm il-qafas leġislativ il-għid ikun kompletament fis-seħħ.

### **Segwitu għall-evalwazzjoni tematika dwar il-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri (European Integrated Border Management - EIBM)**

Il-ġestjoni integrata tal-fruntieri hija objettiv ewleni tal-UE, kif stabbilit mill-Artikolu 77(2)(d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Hija għandha l-għan li tiffaċilita l-qsim tal-fruntieri u tiżgura livell uniformi u għoli ta' kontroll tal-fruntieri fil-fruntieri esterni tal-UE,

<sup>13</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Marzu 2025 li tistabbilixxi rakkomandazzjonijiet li jindirizzaw oqsma komuni identifikati għal titjib li jirriżultaw mill-evalwazzjoni tematika ta' Schengen tal-2024 "Innaqqsu l-lakuni nazzjonali: lejn sistema effettiva ta' ritorn tal-UE permezz ta' soluzzjonijiet komuni u Prattiki innovattivi".


<sup>14</sup> Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-Unjoni, u li jħassar id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE. COM(2025) 101 final.

u b'hekk tikkontribwixxi għas-sigurtà interna tal-UE u l-ġestjoni effiċjenti tal-migrazzjoni, filwaqt li tirrispetta d-drittijiet fundamentali. Hija bbażata fuq il-mudell ta' kontroll tal-aċċess b'erba' livelli, tinkludi miżuri f'pajjiżi terzi, bħal dawk skont il-politika komuni tal-viża, miżuri ma' pajjiżi terzi ġirien, miżuri ta' kontroll fuq il-fruntieri fil-fruntieri esterni, analiżi tar-riskju, u miżuri fiż-żona Schengen u r-ritorn.

Evalwazzjoni tematika tal-istrateġiji nazzjonali tal-pajjiżi ta' Schengen għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri twettqet fl-2019-2020. Wara l-evalwazzjoni tematika, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tematika tal-2019-2020 tal-istrateġiji nazzjonali tal-Istati Membri għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri<sup>15</sup>. Ir-Rakkomandazzjoni identifikat l-aktar aspetti importanti li l-pajjiżi għandhom jikkunsidraw meta jirrevedu l-istrateġiji nazzjonali tagħhom.

Fit-tieni nofs tal-2024, il-Kummissjoni u l-esperti mill-pajjiżi ta' Schengen<sup>16</sup>, flimkien ma' osservatur mill-Frontex, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, eżaminaw il-progress li sar s'issa. Huma eżaminaw il-punt sa fejn l-istrateġiji nazzjonali riveduti kienu allinjati mal-prijoritajiet ta' politika tal-UE, b'enfasi fuq il-mekkaniżmi ta' governanza, l-ippjanar tar-riżorsi u l-oġettivi strateġiċi. Bl-użu ta' 140 indikatur, l-evalwazzjoni vvalutat il-punt sa fejn ir-rakkomandazzjonijiet mill-evalwazzjoni preċedenti kienu ġew implimentati u identifikat oqsma li għandhom jeħtieġu aktar attenzjoni.

Din l-analiżi komprensiva hija għodda ewlenija għat-tisħiħ tal-koerenza u l-effettività operazzjonali tal-governanza ta' Schengen u għat-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali.



*Ir-risultati tal-valutazzjoni*

Ir-risultati juru titjib notevoli, sinjal li l-pajjiżi huma impenjati ħafna biex jagħmlu progress f'konformità maċ-ċiklu ta' politika strateġika pluriennali Ewropea. It-titjib ewlieni mill-evalwazzjoni tal-2019-2020 jinkludi mekkaniżmi ta' governanza aktar b'saħħithom kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE, approċċ aktar koerenti bbażat fuq ir-riskju għall-kontroll tal-fruntieri, u pplanar strateġiku aħjar għar-riżorsi finanzjarji. B'mod partikolari, il-

<sup>15</sup> Id-dokument tal-Kunsill 6755/21 tal-8 ta' Marzu 2021.

<sup>16</sup> Il-Belġju, il-Ġermanja, il-Greċja, Franza, l-Ungerija, l-Italja, in-Netherlands, il-Portugall u r-Rumanija, immexxija min-Norveġja.

komponent tar-ritorn sar ċentrali għall-istrateġiji nazzjonali, li jsaħħaħ l-approċċ integrat billi jintegra wkoll il-ġestjoni tal-migrazzjoni, għalkemm għadha meħtieġa aktar armonizzazzjoni. Pass ewlieni ieħor 'il quddiem huwa l-enfasi msaħħa fuq is-sigurtà interna, li issa hija pilastru ewlieni tal-ġestjoni integrata tal-fruntieri madwar il-pajjiżi ta' Schengen.

Madankollu, għad hemm lakuni. L-istrateġiji nazzjonali spiss ma jkollhomx allinjament mal-ippjanar tal-kapaċitajiet, b'mod partikolari fir-riżorsi umani, it-taħriġ u l-investment fl-infrastruttura u t-tagħmir. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji għadha frammentata, u tillimita l-effettività tal-istrutturi ta' governanza. Dawn in-nuqqasijiet persistenti, diġà identifikati fl-evalwazzjoni preċedenti, jenfasizzaw il-ħtieġa għal aktar integrazzjoni u koordinazzjoni strateġika biex tiġi żgurata sistema integrata Ewropea ta' ġestjoni tal-fruntieri verament unifikata u reżiljenti.

### **Segwitu għall-evalwazzjoni tematika dwar it-traffikar tad-droga fiż-żona Schengen**

Fil-kuntest taż-żieda sinifikanti fit-traffikar tad-droga fl-UE, kif evidenzjat mill-akbar sekwestri ta' kokaina li qatt kien hemm<sup>17</sup>, minn Frar sa Novembru 2023 twettqet evalwazzjoni tematika biex jiġu identifikati l-aħjar Prattiki fil-kapaċitajiet nazzjonali tal-pajjiżi fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga fl-UE. B'riżultat ta' dan, f'Marzu 2024, il-Kunsill adotta Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni<sup>18</sup> li tfassal rakkomandazzjoni għall-implimentazzjoni tal-aħjar Prattiki identifikati fl-evalwazzjoni tematika ta' Schengen tal-2023.

Minħabba li l-għan primarju ta' din l-evalwazzjoni tematika ta' Schengen kien li jiġu identifikati l-aħjar Prattiki, il-pajjiżi ta' Schengen ġew imħeġġa jivvalutaw il-valur miżjud u l-fattibbiltà li dawn il-Prattiki jiġu inkorporati fl-oqfsa nazzjonali tagħhom, filwaqt li jikkonsultaw, fejn rilevanti, ma' pajjiżi li kienu diġà implimentawhom.

Mis-27 Stat Membru u pajjiżi assoċjati evalwati, il-pajjiżi kollha minbarra wieħed ippreżentaw pjanijiet ta' azzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill. Il-Kummissjoni rċeviet pjanijiet ta' azzjoni mill-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, l-Iżlanda, il-Kroazja, il-Latvja, il-Liechtenstein, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Ungerija, l-Iżvezja, u l-Iżvizzera

Fl-2024, il-Kummissjoni rrieżaminat<sup>19</sup> il-pjanijiet ta' azzjoni ppreżentati biex tivverifika l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tirrikjedi li l-pajjiżi janalizzaw u jikkunsidraw l-implimentazzjoni tal-aħjar Prattiki identifikati matul l-evalwazzjoni tematika fis-sistemi nazzjonali rispettivi tagħhom.

---

<sup>17</sup>Ir-raba' ħarsa ġenerali komprensiva lejn is-swieq tad-drogi illeċiti fl-Unjoni Ewropea, imwettqa mill-Europol u ċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (European Monitoring Centre for Drugs and Drug Addiction - EMCDDA - li minn Lulju 2024 beda jissema bl-isem il-ġdid Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi (European Union Drugs Agency - EUDA)).

<sup>18</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Marzu 2024 li tagħti rakkomandazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-aħjar Prattiki identifikati fl-evalwazzjoni tematika ta' Schengen tal-2023 tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri fl-oqfsa tal-kooperazzjoni tal-pulizija, il-protezzjoni tal-fruntieri esterni, u l-ġestjoni tas-sistemi tal-IT għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga fl-Unjoni.

<sup>19</sup> F'konformità mal-Artikolu 21(2), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2022/922

Abbażi tal-pjanijiet ta' azzjoni ppreżentati, l-Istati Membri li beħsiebhom jimplimentaw, jew li diġà implimentaw, l-akbar numru tal-aħjar Prattiki huma l-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Greċja, Malta u n-Netherlands. Barra minn hekk, l-aħjar Prattiki fl-immappjar tal-flussi tad-drogi illeċiti juru l-ogħla rata ta' implimentazzjoni totali, li turi impenn kollettiv qawwi u progress sinifikanti fl-identifikazzjoni ta' flussi illeċiti tad-droga lejn iż-żona Schengen. B'kuntrast ma' dan, l-aħjar Prattiki għall-ħolqien ta' ostakli u għaż-żieda tar-reżiljenza taċ-ċentri loġistiċi juru rata ta' implimentazzjoni ġenerali partikolarment baxxa, li jenfasizza l-isfidi konsiderevoli li jistgħu jirriżultaw mil-limitazzjonijiet tar-riżorsi, il-kumplessitajiet operazzjonali, jew prijoritajiet nazzjonali diverġenti. In-nuqqas ta' progress sostanzjali f'dan il-qasam huwa partikolarment inkwetanti minħabba l-importanza strateġika taċ-ċentri loġistiċi, li jirrappreżentaw punti kritiċi ta' vulnerabbiltà fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi se jirrikjedi koordinazzjoni akbar, finanzjament immirat, u aktar appoġġ tekniku għall-pajjiżi li qed ibatu f'dan il-qasam.

Abbażi tal-informazzjoni pprovduta fil-pjanijiet ta' azzjoni, **il-Kummissjoni tqis li l-pjanijiet ta' azzjoni kollha ppreżentati huma magħluqa**, b'eċċezzjoni waħda. L-implimentazzjoni tal-aħjar Prattiki ser tkompli tiġi mmonitorjata permezz ta' evalwazzjonijiet perjodiċi ta' Schengen, f'konformità mal-programm ta' evalwazzjoni pluriennali u stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

#### 4. Is-sitwazzjoni fil-fruntieri interni

Fl-1 ta' Jannar 2025, tneħħew il-kontrolli fil-fruntieri interni fuq l-art mar-Rumanija u l-Bulgarija, u dan ħalla biss Stat Membru wieħed tal-UE, Ċipru, li qed jistenna t-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni.

Fl-10 ta' Lulju 2024, daħal fis-seħħ il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen rivedut<sup>20</sup>, li jstabbilixxi qafas ġdid għall-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni, bi skadenzi riveduti u rekwiżiti aktar qawwija fejn jidhru l-monitoraġġ u r-rapportar. Abbażi ta' dawn ir-regoli l-ġodda, il-Kummissjoni adottat deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni li joħolqu mudell għall-pajjiżi biex jinnotifikaw l-introduzzjoni mill-ġdid jew l-estensjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni, flimkien ma' format uniformi għar-rapportar dwar l-introduzzjoni mill-ġdid jew l-estensjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni<sup>21</sup>.

Mid-dħul fis-seħħ tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen emendat, **10 pajjiżi ta' Schengen introduċew mill-ġdid il-kontrolli fil-fruntieri interni tagħhom**<sup>22</sup>. Sitt Stati Membri (jiġifieri

<sup>20</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen).

<sup>21</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/315 tal-14 ta' Frar 2025 li tistabbilixxi mudell għan-notifika tal-introduzzjoni mill-ġdid jew l-estensjoni temporanja tal-kontrolli fil-fruntieri interni C/2025/902; Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/308 tal-14 ta' Frar 2025 li tistabbilixxi format uniformi għar-rapportar dwar l-introduzzjoni mill-ġdid jew l-estensjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. C/2025/905.

<sup>22</sup> Għal ħarsa ġenerali ara: [Introduzzjoni mill-ġdid Temporanja tal-Kontroll tal-Fruntieri - Il-Kummissjoni Ewropea](#).

l-Awstrija, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, in-Norveġja u l-Iżvezja) diġà kellhom fis-seħħ kontrolli fil-fruntieri għal perjodi estiżi qabel id-dħul fis-seħħ tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen emendat. Il-Ġermanja sussegwentement estendiet l-ambitu ġeografiku ta' dawn il-kontrolli għall-fruntieri interni kollha tagħha. In-Netherlands innotifikaw l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri għall-ewwel darba fil-fruntieri tal-art u tal-ajru kollha tagħhom. Il-Bulgarija introduċiet mill-ġdid temporanjament il-kontrolli tal-fruntieri interni fil-fruntieri tal-art tagħha, bħala miżura preventiva, wara t-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni.

Il-Kummissjoni tapplika l-iskadenzi u l-obbligi ta' rapportar il-ġodda għall-introduzzjonijiet mill-ġdid u l-estensjonijiet kollha li ġew innotifikati mid-dħul fis-seħħ tal-Kodiċi emendat.

Bħala parti mid-djalogu kontinwu tagħha dwar il-kontrolli fil-fruntieri interni, il-Kummissjoni kienet f'kuntatt mill-qrib mal-pajjiżi li introduċew mill-ġdid il-kontrolli fil-fruntieri interni, kif ukoll ma' pajjiżi affettwati mill-introduzzjoni mill-ġdid ta' tali miżuri. Dawn id-diskussjonijiet rawmu skambju ta' informazzjoni bejn il-pajjiż ikkonċernat, kif ukoll bejn il-Kummissjoni u l-pajjiżi ta' Schengen. Il-Kummissjoni enfasizzat li l-pajjiżi huma obbligati jadottaw miżuri ta' mitigazzjoni biex jillimitaw, kemm jista' jkun, l-impatt ta' kontroll fil-fruntieri fuq l-ivvjaġġar transfruntier, l-operazzjonijiet tal-merkanzija<sup>23</sup> u l-funzjonament tar-reġjuni transfruntiera. Id-diskussjonijiet iffukaw ukoll fuq il-progress kontinwu fis-segwitu tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Novembru 2023 dwar miżuri alternattivi biex jiġi indirizzat theddid serju għall-politika pubblika u s-sigurtà nazzjonali<sup>24</sup>.

Fl-istess ħin, l-evalwazzjonijiet ta' Schengen imwettqa fl-2024 żaru ċ-ċentri ta' kooperazzjoni tal-pulizija u tad-dwana u l-għases tal-pulizija fir-reġjuni tal-fruntieri interni. Dawn iż-żjarat kellhom l-għan li jivverifikaw jekk l-istrutturi u l-proċeduri jiżgurawx skambju f'waqt ta' informazzjoni u operazzjonijiet konġunti effettivi, filwaqt li jindirizzaw il-kriminalità transfruntiera, il-migrazzjoni irregolari u t-theddid għas-sikurezza pubblika. L-għan ġenerali ta' dawn il-valutazzjonijiet kien li (a) jiġu żgurati l-kondiviżjoni effiċjenti tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni operazzjonali fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, u b'hekk tissaħħaħ is-sigurtà interna, u (b) jiġu identifikati oqsma li jeħtieġu titjib jew azzjonijiet korrettivi. Dawn l-attivitajiet ta' monitoraġġ u diskussjonijiet żvelaw in-natura mhux sistematika tal-kontrolli.

Il-Kummissjoni qed taħdem ukoll biex tiżgura li l-ebda pajjiż jew reġjun transfruntier ta' Schengen ma jiġi affettwat b'mod partikolari mill-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni, b'mod partikolari dawk b'sitwazzjoni ġeografika unika. Qed jittieħdu passi rilevanti biex jiġu indirizzati każijiet fejn l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni tikkawża inkonvenjenza serja għall-ħajja ta' kuljum tal-individwi u tan-negozji.

---

<sup>23</sup> Skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Korsiji Ħodor, il-vetturi tal-merkanzija ma għandhomx jiffaċċjaw dewmien totali ta' aktar minn 15 minuta biex jaqsmu l-fruntieri interni tan-network tan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) irrispettivament mill-merkanzija li jgħorru. Il-Kummissjoni kompliet torganizza laqgħat man-Network ta' Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tat-Trasport kull meta jkunu ġew identifikati kwistjonijiet potenzjali li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-fluss tat-trasport bit-triq fi ħdan is-suq intern.

<sup>24</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-23.11.2023 dwar il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward ta' theddid serju għas-sigurtà interna u l-ordni pubbliku fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni. C(2023) 8139 final.


Il-Kummissjoni ppromwoviet ukoll il-kooperazzjoni operazzjonali bejn il-pajjiżi ta' Schengen biex tindirizza t-tħassib dwar is-sigurtà u l-migrazzjoni tal-Istati Membri b'mod aktar effettiv u effiċjenti. Il-Kummissjoni rawmet ukoll l-iżvilupp ta' kooperazzjoni reġjonali tul ir-rotot migratorji, filwaqt li tinvolvi ruħha b'mod attiv ukoll ma' pajjiżi terzi. Sabiex jiġi żgurat ir-ritorn rapidu, iżda wkoll ordnat, tal-migranti irregolari fil-fruntieri interni, il-pajjiżi ta' Schengen iridu japplikaw il-ftehimiet bilaterali ta' riammissjoni preesistenti tagħhom, jew inkella jikkonkludu arranġamenti operazzjonali biex idaħħlu fis-seħħ il-proċedura ta' trasferiment introdotta skont il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen emendat.

S'issa, Stat Membru wieħed, il-Ġermanja, estenda l-kontroll fil-fruntieri interni mid-dħul fis-seħħ tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen emendat. Fuq talba tal-Lussemburgu, il-Kummissjoni diġà nediet konsultazzjoni<sup>25</sup>. Dan wassal għal laqgħat fil-livelli operazzjonali u ministerjali mmirati biex jindirizzaw impedimenti prattiċi għall-flussi transfruntiera u jżidu l-kooperazzjoni dwar miżuri operazzjonali alternattivi. Il-Kummissjoni tibqa' impenjata li tirrispetta l-prinċipji tal-moviment liberu u s-sigurtà fiż-żona Schengen kollha u se tagħmel segwitu kif meħtieġ fiċ-ċiklu ta' Schengen li jmiss, inkluż bil-ħruġ ta' opinjonijiet kif stabbilit fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen rivedut.

## 5. L-għodda ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen:

F'Novembru 2024, il-Kummissjoni stabbiliet il-**grupp ta' evalwaturi ta' Schengen għall-2025**. F'konformità mar-rekwiżiti tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen, kważi l-pajjiżi kollha ta' Schengen ħatru mill-inqas espert wieħed. Pajjiż wieħed biss qagħad lura fuq il-bażi li l-ħatra tkun taffettwa b'mod sostanzjali t-twettiq ta' kompiti nazzjonali<sup>26</sup>, u għalhekk ma setax jinnomina mill-inqas espert wieħed għal kull qasam tas-sistema ta' Schengen<sup>27</sup>.

B'kollox, inħatru 545 espert nazzjonali, li minnhom intgħażlu **525 espert nazzjonali** għall-grupp ta' 2025, filwaqt li tqiesu l-kriterji ġenerali u speċifiċi stabbiliti fir-Regolament (UE) 922/2022 u fl-istedina rilevanti għall-pajjiżi ta' Schengen<sup>28</sup>.



*Għadd ta' esperti magħżula għal kull pajjiż ta' Schengen (2025)*

<sup>25</sup> F'konformità mal-Artikolu 27a tar-Regolament (UE) Nru 2016/399.

<sup>26</sup> F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2022/922.

<sup>27</sup> Id-Danimarka ma nnominatx espert dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija.

<sup>28</sup> L-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2022/922.

Sabiex jiġi żgurat li l-grupp ta' esperti jkun ta' kwalità għolja għall-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, **fl-2024 għe stabbilit qafas ta' taħriġ komuni u integrat għall-evalwaturi ta' Schengen**. L-istrateġija tistabbilixxi l-aspetti ewlenin tal-attivitajiet ta' taħriġ tal-evalwazzjoni ta' Schengen, ibbażati fuq objettivi fuq terminu qasir u medju, bil-ħsieb li tiġi implimentata metodoloġija koerenti għal qafas komuni u integrat ta' taħriġ fl-evalwazzjoni ta' Schengen. Għandha l-għan li ttipprovdi, fost affarijiet oħra, kurrikulu komuni għall-attivitajiet kollha ta' taħriġ, governanza msaħħa għall-implimentazzjoni tat-taħriġ u għażla simplifikata ta' trainees, u b'hekk ittejjeb is-sinerġiji mal-grupp ta' evalwaturi ta' Schengen. **Fl-2024 għew imħarrġa u ċċertifikati 90 espert** bħala evalwaturi ta' Schengen f'attivitajiet ta' taħriġ inizjali taħt dan il-qafas komuni.

It-tielet **workshop għall-koordinaturi ta' pajjiżi terzi u s-sessjoni ta' ħidma tal-esperti ewlenin** saret f'Jannar 2025, li laqqgħet flimkien il-pajjiżi ta' Schengen u l-koordinaturi tal-pajjiżi tal-Kummissjoni flimkien mal-esperti ewlenin maħtura għall-evalwazzjonijiet tal-2024 u l-2025. Aktar minn 40 espert anzjani mill-pajjiżi ta' Schengen, li jirrappreżentaw komunità ta' aktar minn 500 evalwatur ta' Schengen, kellhom skambju strateġiku dwar il-futur taż-żona Schengen u, b'mod partikolari, dwar kif jista' jissaħħa il-qafas ta' governanza kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali. Il-workshop kellu wkoll l-għan li jħejji l-koordinaturi nazzjonali tal-pajjiżi u l-esperti ewlenin għall-attivitajiet ta' evalwazzjoni ta' Schengen tal-2025.

## **6. Inħarsu 'l quddiem: attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ fl-2025**

L-2025 timmarka **l-40 anniversarju** mill-iffirmar tal-Ftehim ta' Schengen fl-14 ta' Ġunju 1985. Dan l-istadju importanti se jsawwar l-aġenda għall-governanza ta' Schengen matul is-sena, filwaqt li jafferma mill-ġdid lil Schengen bħala simbolu tal-kisba kollettiva tagħna, jiġifieri Ewropa sigura u magħquda li tkun ta' benefiċċju kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għan-negozji Ewropej. Hekk kif niċċelebraw din il-kisba importanti, Schengen se tibqa' fil-qalba tal-prijoritajiet tal-Kummissjoni u tibqa' assi strateġiku essenzjali biex insibu triqitna fix-xenarju ġeopolitiku li qed jevolvi.

Il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen se jkompli jirrifletti n-natura dinamika u li qed tevolvi tal-proġett ta' Schengen, filwaqt li jiżgura r-reżiljenza u l-effettività tiegħu f'ambjent li qed jinbidel. Ġew adottati rekwiżiti legali ġodda, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw mill-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil (eż. ir-Regolament dwar l-Iskrinjar, ir-Regolament dwar ir-Ritorn tal-Fruntiera) u dawk konnessi mal-arkitettura diġitali l-għdida li tappoġġa l-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna taż-żona Schengen (eż. ir-regolamenti dwar l-Interoperabbiltà, il-proċeduri tal-ETIAS, l-aċċess għall-infurzar tal-liġi għall-EES, l-ETIAS, l-Interoperabbiltà, id-Direttiva dwar l-Iskambju ta' informazzjoni).

Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-pajjiżi ta' Schengen u l-korpi rilevanti tal-UE, se tirrevedi<sup>29</sup> **l-kwestjonarju standard ta' Schengen fl-2025**. Il-kwestjonarju

---

<sup>29</sup> F'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 2022/922.

aġġornat se jsaħħaħ ukoll l-aspetti strateġiċi li jirfdu l-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen, bħall-governanza ta' Schengen u l-użu ta' strumenti finanzjarji relatati tal-UE.

F'konformità mal-programm ta' evalwazzjoni pluriennali għall-2023-2029, se jiġi implimentat **il-programm ta' evalwazzjoni annwali tal-2025**<sup>30</sup>. Dan jinkludi l-evalwazzjonijiet perjodiċi tal-Iżvizzera, tas-Slovenja u tal-Awstrija, flimkien mal-evalwazzjonijiet tal-Bulgarija u tar-Rumanija wara l-integrazzjoni sħiħa tagħhom fiż-żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni. Fir-rigward tal-**attivitàjiet ta' monitoraġġ** għall-2025, il-Kummissjoni qed tippjana li twettaq żjarat fi Franza (li diġà saret f'Marzu 2025), fil-Greċja (Settembru 2025) u fil-Portugall.

	Jan.	Frar	Mzu	Apr	Mej.	Ġun.	Lul. Aww.	Set.	Ott.	Nov.	Diċ.
Evalwazzjoni periodika	L-Iżvizzera		Is-Slovenja		L-Awstrija			Ir-Rumanija		Il-Bulgarija	
Evalwazzjonijiet għall-ewwel darba											
Evalwazzjoni tematika											

Minħabba r-rwol speċifiku tal-**evalwazzjonijiet tematiċi** fl-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-isfidi trasversali għaż-żona Schengen, bħat-traffikar tad-drogi u r-ritorn fis-sentejn preċedenti, wara konsultazzjonijiet mal-pajjiżi ta' Schengen, il-Kummissjoni tqis l-2026 bħala mument opportun biex titnieda evalwazzjoni tematika oħra. Bil-gwerra li għaddejja fl-Ukrajna u ż-żieda kontinwa fir-riskji għas-sigurtà, din l-evalwazzjoni jkollha l-għan li tidentifika lakuni u vulnerabbiltajiet fl-arkitettura tal-fruntiera u tas-sigurtà ta' Schengen, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-koerenza tagħha u jżied il-livell ġenerali tas-sigurtà interna.

Barra minn hekk, fl-2025, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja s-segwitu għall-evalwazzjonijiet ta' Schengen li għaddejjin għall-ewwel darba biex tmexxi 'l quddiem it-tħejjija teknika taż-żewġ pajjiżi kkonċernati. Fil-każ ta' **Ċipru**, iż-żjarat meħtieġa<sup>31</sup> xorta jistgħu jsiru fl-2025, dment li l-miżuri ta' rimedju meħtieġa jkunu ġew implimentati mill-awtoritajiet Ċiprijotti. Fil-każ tal-**Irlanda**, il-Kummissjoni biħsiebha toħroġ ir-rapport ta' Schengen li jkopri l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, il-kooperazzjoni dwar id-drogi u l-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni ta' Schengen fl-ewwel nofs tal-2025. Jekk l-eżitu jkun pożittiv u l-miżuri ta' rimedju f'oqsma rilevanti oħra, b'mod partikolari l-kooperazzjoni tal-pulizija, jiġu implimentati malajr, dan ser jippermetti lill-Kunsill idaħħal fis-seħħ dawn id-dispożizzjonijiet fl-Irlanda u ser iwassal għal aktar kooperazzjoni ta' Schengen.

<sup>30</sup> Il-programm ta' evalwazzjoni annwali tal-2025 disponibbli fl-[Evalwazzjoni annwali](#).

<sup>31</sup> L-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2022/922.

Il-Kummissjoni se tintensifika wkoll l-isforzi tagħha fl-2025 biex tappoġġa l-integrazzjoni bla xkiel tar-rekwiżiti ta' Schengen għall-pajjiżi li qegħdin jaspiraw li jissieħbu fl-UE. Peress li l-pajjiżi kandidati tal-UE huma kandidati ta' Schengen, il-proċess tat-tkabbir tal-UE għandu implikazzjonijiet sinifikanti għal Schengen. Il-pajjiżi kandidati tal-UE jridu jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha ta' Schengen sa meta jissieħbu fl-UE, anke jekk xi drittijiet ta' Schengen, bħall-aċċess attiv sħiħ għas-sistemi ta' informazzjoni kollha, id-dritt li jinħarġu viżi ta' Schengen u d-dritt li jittneħħew il-kontrolli fil-fruntieri interni, ma jibdewx japplikaw qabel stadju aktar tard. Il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-pajjiżi kandidati sabiex, sa meta jissieħbu fl-UE, is-sistema ta' Schengen tkun ankrata f'qafas ta' governanza nazzjonali ta' Schengen li jkun jiffunzjona bis-sħiħ. Dan jeħtieġ tħejjija robusta, inkluża l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni ta' Schengen, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-2024 dwar il-politika tat-tkabbir tal-UE<sup>32</sup>.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tat-taħriġ, l-implimentazzjoni ta' **kurrikulu komuni** fil-korsijiet ta' taħriġ inizjali fl-2024 ħolqot pedament sod għat-tfassil tat-taħriġ fil-futur. L-attivitajiet ta' taħriġ inizjali li jmiss huma skedati li jsiru fir-rebbiegħa, fis-sajf u fil-ħarifa tal-2025.

---

<sup>32</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni 2024: Komunikazzjoni dwar il-politika tat-tkabbir tal-UE COM(2024) 690 final.